MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 173/2001/1

**Albert Rizzo u b'digriet tal-5 ta' Awissu 2008 u tal-25 ta' Settembru 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Rizzo sabiex tkompli l-kawza minflok l-attur Albert Rizzo li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Eden Leisure Group Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fit-2 ta' Frar, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta :

Illi l-attur gie inkarigat mis-socjeta' konvenuta bhala lrkantatur biex jaghmel bejgh bl-irkant tal-kontenut kollu ta' Eden Beach Hotel, St. George's, St. Julian's, liema bejgh kellu jsir f'nofs Frar 1999;

Illi l-attur hejja katalogi u ghamel l-arrangamenti kollha necessarji biex isir l-imsemmi bejgh bl-irkant f'dati pre-stabbiliti;

Illi, wara li l-ghamara, oggetti u attrezzi tal-lukanda kienu tqeghdu ghall-wiri lill-pubbliku, is-socjeta' konvenuta qabdet u bieghet lil terzi l-parti l-kbira ta' l-items katalogati, u dan ad insaputa ta' l-attur;

Illi wara li sar dan, is-socjeta' konvenuta hassret l-irkant li kellu jsir, u dan fost hafna protesti mill-membri tal-pubbliku li kienu interessati biex jixtru, li haduha kontra l-attur minghajr ma kellu l-ebda htija jew responsabbilta' ghal dak li gara;

Illi l-attur sofra danni konsiderevoli, fosthom telf ta' drittijiet ta' l-irkantatur kemm minn dan l-irkant kif ukoll minn irkantijiet ohra li ma setghux isiru, u anke telf ta' klijenteia u ta' reputazzjoni, kif ukoll l-ispejjez;

Illi s-socjeta' konvenuta Eden Leisure Group Limited kienet responsabbli ghat-thassir ta' l-irkant pubbliku u ghalhekk hija wkoll responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur;

Illi s-socjeta' konvenuta rrifjutat li tikkompensa lill-attur.

Talab ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghat-thassir ta' l-irkant pubbliku li kienet inkarigat lill-attur biex jaghmel.
2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur, inkluzi t-telf ta' drittijiet bhala Irkantatur f'dan il-bejgh li kellu jsir kif ukoll minn irkantijiet ohra li ma setghux isiru, u t -telf ta' klijentela.
3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur.
4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru, lnibizzjoni 524/99 milqugh fil-11 ta' Frar 1999 u Qbid ipprezentati fil-11 ta' Frar 1999, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-konvenuta waslet biex hadet id-decizjoni li ma tkomplix bl-irkant minhabba l-attitudini negattiva tal-attur stess li infurmaha li ma kienx jidher li hemm prospetti sbieh illi l-irkant ken ser jirnexxi minhabba l-fatt illi l-oggetti in vendita kienu specjalizzati ghall-uzu gewwa ufficini u f'lukandi u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghat-thassir tal-irkant meta hija in effetti kellha obbligu, tramite l-ufficjali taghha, illi ggib l-ahjar prezz ghall-oggetti li hija kienet ser tbiegh;
3. Illi ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghall-allegati danni jew allegat telf li setgha inkorra l-attur;
4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attur m'ghandu ebda dritt jitlob risarciment ta' danni jew telf stante illi huwa ma soffra ebda danni izda semmai jistgha jitlob li jigi risarcit ta' xi spejjes li seghta ghamel prevja l-presentata tad-dokumenti u ircevuti opportuni;
5. Salvi ecczzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi meta xehed l-attur qal illi fl-10 ta’ Frar, 1999 kien sar il-wiri tal-oggetti kollha li kellhom jigu irkantati u il-wiri sar fil-lukanda Eden Beach Hotel stess. Waqt il-wiri huwa ikkalkula li kien hemm bejn sebghin u mitt ruh u diversi persuni kienu gew fuqu u talbuh biex ibieghilhom xi oggetti, izda qalilhom li ma setghax peress illi kellu jsir l-irkant. Huwa kompla jixhed illi kien hemm certu Laurenti li kien interessat jixtri xi kmamar tas-sodda. Kien hemm ukoll certu Tony Ellul li ried jixtri xi oggetti li kien hemm ghall-wiri u staqsih ghalfejn kien hemm diversi oggetti immarkati “sold” meta kienu qeghdin ghall-wiri. Meta ra hekk l-attur qabbad impjegata tieghu sabiex tindaga u din ikkonfermatlu li diversi mill-oggetti li kienu ghall-bejgh kellhom fuqhom il-kelma ‘sold’. Huwa ried ikellem lil Kevin Decesare sabiex jara x’kien qieghed jigri, izda minflok kien kellem lil certu Coppini, impjegat ma Kevin Decesare, biex jiehu hsieb il-bejgh u staqsih ghalfejn hafna mill-oggetti li kien hemm ghall-wiri kellhom il-kelma ‘sold’ fuqhom, u dan wiegbu li kellhom jibghatu ghalih biex jghidulu li l-irkant kien ser jithassar peress illi lahqu bieghu diversi mill-oggetti lill-Air Malta. L-attur xehed illi huwa ipprotesta ma Coppini peress li kienu hallew lin-nies jigu ghall-wiri meta kienu jafu li l-irkant ma kienx ser isir u dan meta kienu diga hargu l-avvizi, giet iffissata d-data ta’ l-irkant u ghalhekk l-attur qal lil Coppini li skond il-Ligi ma setghux ma jaghmlux l-irkant. L-attur kompla jixhed illi sofra danni minhabba dan kollu peress illi huwa kien ilu jaf dwar l-irkant f’Ottubru 1998, kien ftiehem ma Kevin Decesare li l-irkant kellu jsir f’Jannar 1999 u peress lli kien ha dan l-inkarigu impenjattiv, l-attur kien irrifjuta li jaghmel irkantijiet ohrajn. F’Novembru 1998 Coppini u Decesare infurmawh li ma kienx ser isir l-irkant u f’Novembru kien diga beda jaghmel il-katalogu. Huma kienu qalulu li l-irkant kien ser jigi pospost, u meta qalulu hekk l-attur qalilhom biex jghidulu kemm jista jkun malajr id-data l-gdida tal-irkant. Fil-fatt f’Dicembru, Coppini u Decesare kienu regghu baghtu ghalih u qalulu li riedu li l-irkant isir fil-bidu ta’ Frar. Dak kollu li kien diga ghamel fir-rigward tal-katalogu kellu jerga jibdih mill-gdid sabiex jerga jaghmel il-katalogu u dan minhabba l-agir ta’ Coppini u

Decesare. Giet iffissata d-data tal-10 ta' Frar, 1999 bhala l-gurnata meta kellu jsir il-wiri.

Illi l-attur kompla jixhed illi tal-Air Malta kienu cemplulu u hu kien accetta li tal-Air Malta imorru jaraw l-oggetti qabel il-'viewing day' u f'dan ir-rigward kien irriferhiehom lil Coppini tal-Eden Beach Hotel. L-attur kompla jghid li meta giet iffissata l-ewwel data ta' l-irkant apparti mis-Sur Coppini kien hemm prezenti wkoll Ian Decesare ghal Eden Beach Hotel.

Illi xehdet ukoll Anna Cassar, impjegata mal-attur, u qalet illi xogholha kien illi tghin lill-attur fl-irkantijiet li jaghmel. Fir-rigward tal-kaz odjern hija xehdet illi kienet marret mal-attur fl-Eden Beach Hotel u hemm hekk kienet rat l-oggetti u ghamlet l-inventarju relattiv. Ix-xhud esebiet kopja ta' l-inventarju u esebiet ukoll kopja tal-katalogu relattiv ghall-'items' ta' l-Eden Beach Hotel. Ix-xhud ikkonfermat li kienet prezenti ghall-laqgha li kienet saret mal-attur u certu Coppini li kien jirrapprezenta lil Eden Beach Hotel, fejn sar ftehim meta kellu isir l-irkant. Giet issettjata data, izda wara ftit kienu cemplulhom u qalulhom li kienu ser jipposponu l-irkant, u inghatat gurnata ohra ghall-irkant. Hija xehdet illi meta hi u l-attur regghu marru biex jaraw l-affarijiet li kellhom jigu irkantati hi kienet sabet hafna tibdil, fis-sens illi hafna mill-oggetti li kienet ghamlet l-inventarju dwarhom u kienet nizzlithom fil-katalogu bhala ghall-bejgh ma kienux hemm hekk u hafna minnhom kienu neqsin. Meta rat hekk, hi u l-attur kellhom jaghmlu katalogu iehor li wkoll gie esebit u gie immarkat Dok AC 2 u kien dwar dan it-tieni katalogu li kellu jsir il-bejgh bl-irkant ta' l-oggetti. Fil-gurnata meta kien qieghed isir il-viewing u cioe' fil-festa ta' San Pawl, kien hemm diversi nies li marru fuqha u qalulha li hafna mill-oggetti li kienu immarkati ghall-bejgh kellhom miktub fuqhom li kienu gew diga mibjugha u ghalhekk hija qalet b'dan kollu lill-attur. L-attur mar ikellem lil xi dirigenti ta' l-Eden Beach Hotel u sussegwentement infurmaha li l-Eden Beach Hotel kienu diga bieghu hafna mill-oggetti lil Air Malta. Ix-xhud kompliet tghid li darba minnhom tal-Air Malta kienu cemplu lill-attur biex jaraw xi affarijiet li kien hemm ghall-bejgh ghar-rigward ta' l-Eden Beach Hotel u l-attur kien

irreferihom lill-Eden Beach Hotel stess biex jaraw l-oggetti. Meta saru jafu li l-Air Malta kienet xtrat hafna mill-affarijiet l-irkant twaqqaf, izda hi ma kienitx taf tghid min ha d-decizjoni biex jitwaqqaf l-irkant. Ix-xhud kompliet tghid illi xi nies li gew ghall-'viewing' kienu irrabjati mal-attur peress li deherilhom li kienu inqalghu ghalxejn, izda hu kien qalilhom li ma kienx tort tieghu u skuza ruhu maghhom ghall-inkonvenjenza. Anna Cassar xehdet ukoll illi l-attur kien qalilha li hu kien accetta li jaghmel dan l-irkant u peress li kellu hafna xoghol fih kien irrifjuta li jaghmel xi irkantijiet ohrajn, izda ma kienx specifikalha liema kienu l-irkantijiet li kien irrifjuta.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Joe Cassar illi jahdem part time mal-attur u ftakar illi fl-10 ta' Frar kien qieghed isir 'viewing' ghar-rigward tal-irkant li kellu jsir fl-Eden Beach Hotel. Il-'viewing' kien isir f'din il-lukanda u fl-ewwel gurnata tal-viewing wara certu zmien kienu gew ta' Decesare u bdew iwahhlu 'stickers' fuq hafna mill-affarijiet li kienu ghall-wiri bil-kelma 'sold' fuqhom. Wara ftit taz-zmien kienu kellmu lill-attur li kien qalilhom li l-irkant ma kienx ser isir peress li kien hemm diversi oggetti li kienu qeghdin jigu irtirati, u qalilhom li kien gie infurmat li dawn l-oggetti kienu inbieghu lill-Air Malta. Cassar xehed illi dak il-hin in-nies irrabjaw. Sussegwentement l-irkant kien thassar.

Illi xehed ukoll Joseph Borg illi wkoll kien impjegat ta' l-attur kien involut f'dan il-bejgh bl-irkant. Huwa qal illi meta sar il-'viewing' kienu gew hafna nies anke minn Ghawdex u dan ftakru peress illi wara ftit zmien kienu gew nies tal-lukanda li wahlu tabella 'sold' fuq hafna mill-oggetti u dawn in-nies li kienu gew minn Ghawdex bdew igergru mal-attur illi kienu gew ghalxejn.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll John Vella Laurenti illi ghandu kumpannija Tourism Services Limited li taghmel xoghol ta' konsulenza mal-lukandi ghar-rigward ta' administration u supplies. Huwa xehed illi jaf lill-attur bhala irkantatur u kien jaf li l-

attur kien ser ibiegh xi oggetti tal-Eden Beach Hotel u hu kien interessat f'dan l-irkant. Huwa ried jixtri xi ghoxrin kamra tas-sodda ghal xi flatijiet illi ghandu tas-Sliema. Kien ukoll interessat illi jixtri xi oggetti ohrajn. Huwa xehed li kien ra avvizi li kien ser isir l-bejgh bl-irkant tal-oggetti tal-Eden Beach Hotel u kien sar jaf ukoll illi kellu isir il-'viewing'. Huwa mar ghall-'viewing' u beda jinnota li hafna mill-kmamar tas-sodda kienu immarkati li kienu diga gew mibjugha u ghalhekk mar ikellem lill-attur li deher li kien sorpriz hafna. Ix-xhud kompla jghid li kien hemm diversi persuni ohrajn li bdew jipprostestaw dwar din il-haga mal-attur. F'hin minnhom ra lill-attur ikellem lil xi hadd mill-management tal-lukanda u wara ftit l-attur irritorna u qalilhom li l-bejgh kien qed jigi pospost. Fil-fatt effettivament il-bejgh ma sarx. Ix-xhud qal illi meta kien hemm hu kien hemm prezenti xi sittin persuna ghall-'viewing' u hafna minn dawn in-nies inkluz hu stess bdew jilmentaw mal-attur. Sussegwentement ix-xhud qal illi hu sar jaf li hafna mill-oggetti kienu inxtraw mill-Air Malta. Huwa kien kellem lil Coppini tal-Eden Group li kien qallu li kienu iddecidew li ibieghu l-oggetti lil Air Malta.

Illi xehed Marcel Coppini il-Financial Controller tas-socjeta' konvenuta. Huwa xehed illi jiftakar li kienu fil-process li ibieghu l-ghamara kollha tal-lukanda Eden Beach Hotel u qabdu lill-attur biex jiehu hsieb jaghmel dan il-bejgh. Fl-istess hin kienu qeghdin f'kuntatti ma nies ohrajn biex jixtru l-ghamara kollha u fil-fatt kienu lahqu ftehim mal-Air Malta f'dan is-sens. Huwa ftakar illi kien hemm gurnata appuntata biex isir il-'viewing' tal-ghamara u dakinhar il-'viewing' sar u gie miftuh ghall-pubbliku. Marcel Coppini kompla jixhed illi kienu qalu lill-attur b'dan kollu xi gurnata qabel ma bieghu l-ghamara lil Air Malta. Huwa ftakar li dakinhar li kellu jsir il-'viewing' f'hin minnhom l-attur kien sejjah lil dawk kollha prezenti fil-lobby tal-lukanda u kien kellimhom. Huwa kien prezenti, izda ma kienx indirizza lil dawn in-nies u ma jiftakarx x'kien qalilhom l-attur. Huwa ftakar li l-attur kien kellmu u kien qallu li skond ir-regolamenti la darba hargu l-avvizi ghall-bejgh tal-oggetti ma setghux jiritirawhom u dan il-kliem kien qalulu meta huwa infurmah li kienu bieghu l-oggetti kollha lil Air Malta. Ix-xhud kompla jghid illi waqt li

kien qieghed isir l-'meeting' bejn dawk li gew ghall-'viewing' u l-attur kien hemm wiehed minn dawn li kienu gew biex jaraw l-oggetti illi kien heddu li kien ser ifittex lis-socjeta' konvenuta. Ix-xhud ma ftakarx illi kien offra li jhallsu lill-attur ammont ta' flus fir-rigward ta' 'commission' u tal-ispejjez li huwa kien ghamel u lanqas ma ftakar li l-attur kien irrifjuta l-offerta li kienu ghamlulu.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Ian Decesare li huwa l-Managing Director tal-Eden Leisure Group Limited. Huwa qal illi kellhom il-lukanda Eden Beach Hotel li kienet ser taghlaq, li kienet topera bhala lukanda u huma ghalqu din il-lukanda biex jippreparaw sabiex iwaqghu il-lukanda u jitla progett iehor. Ian Decesare xehed illi kien staqsa lill-'accountant' sabiex isib lil xi hadd sabiex ibieghielhom l-ghamara bl-irkant u dan kien sabilhom lill-attur u Marcel Coppini li kien l-'accountant' taghhom kien indikalhom lill-attur. Ian Decesare xehed illi kien qal lil Coppini biex jaghmel prezz rizerva ghal kull kamra tas-sodda ghaliex kellhom mija u hamsa u ghoxrin kamra tas-sodda u kien qal lil Coppini li ried mill-anqas mija, jew mija u ghoxrin lira ghal kull kamra tas-sodda. Coppini kien qallu li ma tantx kien hemm xi cans illi din l-ghamara tinbiegh b'dak il-prezz u li ma kienitx ser iggib izjed minn erbghin, hamsin lira. Sussegwentement Decesare sab lil xi hadd u kien biegh l-ghamara tal-'bedrooms' ghall-prezz ferm ahjar minn erbghin lira ghal kull kamra tas-sodda. Ix-xhud qal illi ma kienx ghadu ftiehem mal-attur dwar l-irkant, ma kien hemm xejn bil-miktub u kien qallu jekk inti ser tbiegh irrid inkun naf li ser tbiegh bil-qalb u li tista verament iggib prezz tajjeb. Is-Sur Decesare kompla jixhed illi l-attur kien qatalhom qalbhom, qalilhom illi x-xoghol ma kienx tajjeb u hu qallu "le mhux hekk, jekk inti ser tidhol ghaliha u ha tiehu 'commission' almenu gib prezz tajjeb ghalina". Meta gie muri l-katalogu ix-xhud qal illi qatt ma kien rah qabel u lanqas biss jaf li kien hemm data iffissata ghall-irkant. Ix-xhud kompla jinsisti li ma kien hemm l-ebda dokument bil-miktub fis-sens li kienu kommessi mal-attur. Huwa xehed illi kien qal lill-'accountant' illi jekk il-kmamar tas-sodda ma igibux dak il-prezz li kien semma ma kienx bi hsiebu

ibieghhom ghaliex ma riedx jarmihom. Ian Decesare kompla jinsisti li huwa lanqas qatt ma tkellem mal-attur u ma jafx li kienu hargu xi avvizi fil-gazzetta dwar l-irkant. Is-Sur Decesare xehed illi huma ghandhom il-mezzi taghhom ta' komunikazzjoni peress illi ghandhom il-Bay Radio u fiz-zmien in kwistjoni certament ma hargu l-ebda avvizi ghal xi irkant fuq il-Bay Radio, dejjem fir-rigward tal-lukanda Eden Beach Hotel.

Ikkunsidrat :

Illi in kontro-ezami Ian Decesare xehed illi kienu f'diskussjonijiet mal-attur sabiex jaghmlilhom l-irkant in kwistjoni, izda id-diskussjonijiet ma kienux decizi minhabba illi huwa xtaq illi kien hemm proviso fl-agreement li qatt ma kien sar. Il-proviso kien fis-sens illi huwa ried illi jkun hemm 'reserved price' fuq il-proprjeta taghhom izda l-attur ma xtaqx jaghmel 'reserved price' peress illi qalilhom li s-suq ma kienx tajjeb. Is-Sur Decesare in kontro-ezami xehed illi ma jahsibx illi kien hemm 'viewing' izda ma jiftakarx. Mistoqsi jekk l-attur kienx stampa u ippubblika katalogu, Ian Decesare irrisponda li ma jafx li l-attur kien ghamel hekk ghaliex kull ma kien ra hu kienu 'photocopies' ta' 'rough paper' li kien hemm l-oggetti li kienu ghall-bejgh, izda qatt ma ra katalogu. Ian Decesare rega' xehed illi huma riedu li jkun hemm ftehim mal-attur fis-sens illi jekk ma igibx certu prezz ta' l-ghamara u tal-oggetti l-ohrajn l-oggetti ma jinbieghux, izda l-attur ma kienx accetta din il-klawsola u ghalhekk huma qatt ma ftehmu mal-attur sabiex jaghmel l-irkant. Ix-xhud cahad illi hadem minn wara dahar l-attur ghaliex skond hu ma kellu bzonn il-permess ta' hadd sabiex jinnegozja mal-Air Malta biex jixtru l-affarijiet in kwistjoni peress illi huwa ma kien ghamel l-ebda ftehim mal-attur u dana peress illi l-istess attur ma riedx jaccetta il-kundizzjonijiet taghhom biex isir l-irkant.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi;

Rat ukoll in-nota responsiva tas-socjeta' konvenuta;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu a fol 153 tal-process l-attur ghall-ewwel darba qieghed jippretendi bhala danni mhux biss il-‘commission’ li kienet tispetta lilu skond il-ligi, kif ukoll l-ispejjez li kellu jaghmel biex jaqdi professjonalment lis-socjeta konvenuta u d-danni li sofra inkluzi t-telf ta’ qliegh, minhabba li kien irrifjuta xoghol iehor, u qal li dawn id-danni jammontaw ghas-somma ta’ erbghin elf mitejn tmienja u disghin ewro (€ 40,298) ekwivalenti ghal sbatax il-elf u tlett mitt lira Maltin (LM17,300) u a fol. 156 tal-process l-attur ighid illi l-bazi kollha hija l-Kap 342 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att dwar l-Irkantaturi.

Illi skond l-Kapitolu 342 l-commission li jinghata lill-irkantatur hija ta’ ghaxra fil-mija (10%), cioe’ ghaxra fil-mija (10%) fuq l-oggetti kollha elenkati fil-katalogu komprizi l-pagi tal-assistenti tal-attur, l-avvizi pubblikati u spejjez ohra ancillari.

Ikkunsidrat :
Illi skond il-Kapitolu 342 it-tariffa hija dik skond l-avviz legali 424 tas-sena 2007 u mhux it-tariffa skond l-avviz legali 69 tal-1991.

Illi l-Qorti tara illi fil-kaz odjern, il-kawza giet ipprezentata fl-2001 meta kienet tapplika it-tariffa skond l-avviz legali 69 tal-1991 u ma kienx ghadu dahal in vigore l-avviz legali 424 tal-2007 li ghalih hemm referenza fil-Kapitolu 342.

Ghalhekk jekk l-attur haqqu hlas ta’ danni, dan ghandu jkun ta’ hamsa fil-mija (5%) u mhux ta’ ghaxra fil-mija (10%).

Illi permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-13 ta’ Mejju 1944 fl-ismijiet Arthur Leone Enriquez vs Onorevoli Eustrachio Petrococchino et noe gie ritenut illi fil-Ligi ma hemm l-ebda ostakolu biex isir ftehim bejn irkantatur pubbliku u min iqabbdu fuq l-ammont ta’

drittijiet jew kundizzjonijiet illi ghandu jdahhal l-irkantatur ta' xogholu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Ulisse Azzopardi vs Mary Milazzo deciza fit-13 ta' Jannar, 1946 u ikkonfermata fl-appell fil-11 ta' Marzu 1946 gie ritenut illi f'subasti volontarji l-irkantatur ghandu l-karattru guridiku ta' mandatarju tal-venditur u ghalhekk l-venditur jista jirrevoka l-inkarigu lill-irkantatur meta jkun irid.

Illi f'dan il-kaz kien irrizulta mill-kumpless tal-provi illi l-irkantatur ma kellux inkarigu sod minghand il-konvenuta, imma kien hemm biss trattivi li ma sehhewx.

Illi f'dan il-kaz l-attur ma kellux id-dritt jirriklama kumpens ghal xi xoghol li kien ghamel ghaliex mill-provi irrizulta li ma lahaq ghamel xejn.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qieghed jaghmel diversi pretenzjonijiet illi jinsabu elenkati a fol. 152 tal-process u cioe' il-'commission', l-ispejjez, id-danni li sofra, inkluz telf ta' qligh peress illi irrifjuta xoghol iehor, u skond l-attur din is-somma tammonta ghal sbatax il-elf tlett mitt lira Maltin (LM17,300) u cioe' erbghin elf mitejn u tmienja u disghin ewro (€40,298).

Ikkunsidrat :

Illi fl-imsemmija sentenza Ulisse Azzopardi vs Mary Milazzo gie ritenut illi f'subasti volontarji l-irkantatur ghandu l-karattru guridiku ta' mandatarju tal-venditur u il-venditur jista jirrevoka l-inkarigu tal-irkantatur meta irid hu u l-attur ikollu biss dritt ghal danni reali, liema danni ma gewx ippruvati fil-kaz odjern mill-attur fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi l-Qorti innutat illi fl-ebda mument l-attur ma gab prova ta' kemm swewlu il-katalogi li ghamel, ma gabx prova ta' kemm swewlu xi avvizi li setgha ghamel fil-media tal-irkant in kwistjoni. Il-Qorti rat wkoll illi minkejja l-fatt illi l-attur

allega illi tilef xoghol iehor sabiex jiehu hsieb l-irkant ta’ l-Eden Beach Hotel, huwa ma gab l-ebda prova ta’ dan, kif lanqas ma gab prova ta’ telf ta’ klijentela u ta’ riputazzjoni. L-attur lanqas biss ipprova kemm hallas lill-impjegati tieghu ghal dan ix-xoghol, u dan meta kellu diversi snin sabiex iressaq il-provi kollha illi kellu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta tichad it-talbiet kollha attrici; Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------